bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Neville Xuereb)
vs
Abdul Basit Hossain Al Bakosh,
iben Hossain, imwieled il-Libja
fit-3 ta' ġunju, 1974

Illum, 9 ta' settembru, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fis-7 ta' settembru, 2002 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data xjentement għamel użu minn siġilli, timbri jew marki li qegħdin sabiex jissiġilla, jittimbra jew jimmarka, fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tiegħu, dokumenti jew oġġetti ta' proprjeta' pubblika, jew li jkunu qegħdin taħt il-kustodja pubblika;
2. talli matul dawn l-aħħar ġimgħat, mingħajr ma ngħata pemess ta' residenza, niżel l-art jew kien Malta mingħajr permess ta' l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni;
3. talli fis-7 ta' settembru, 2002 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, dwar xi nformazzjoni li għandha tiġi mogħtija skond jew għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, ta jew ġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz;
4. talli fis-7 ta' settembru, 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data mingħajr awtorita' leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni li kien iffalsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena stabbilita skond il-Liġi tiddikjara lill-persuna hawn fuq imsemmija bħala mmigrant projbit u toħroġ Ordni ta' Tneħħija kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' settembru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 172 u 173 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 3(f), 14 u 32(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Inoltre, rat l-artikoli 14 u 15

tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta u tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Tneħħija kontra tiegħu.